MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF
SILVIO CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF
GIANNINO CARUANA DEMAJO**

**ONOR. IMHALLEF
NOEL CUSCHIERI**

Seduta tat-28 ta' Frar, 2014

Appell Civili Numru. 444/2012/1

**Lucienne Agius**

**v.**

**Antoine Agius**

**Preliminari**

**1.** Dan huwa appell ad istanza tal-attur Antoine Agius mis-sentenza mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fid-29 ta' April 2013 li permezz tiegħu qed jitlob lil din il-Qorti tirrevoka s-sentenza appellata u tipprovdi billi minflok tilqa'

t-talbiet (sic)[1] tiegħu u tiċħad it-talbiet tal-attriċi appellata. Bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-attriċi appellata.

**2.** Għal intendiment aħjar ta' dan l-appell is-sentenza mogħtija mill-ewwel Qorti qegħda tiġi hawnhekk riprodotta fl-intier tagħha:

"Rat ir-rikors ġuramentat ippreżentat fl-4 ta' Mejju 2012 li permezz tiegħu l-attriċi Lucienne Agius ippremettiet:

"Illi l-partijiet fil-kawża żżewġu nhar il-25 ta' Ottubru 1997 kif jidher miċ-ċertifikat taż-żwieġ hawn anness u mmarkat bħala dokument LA1;

"Illi l-partijiet għaddejin minn separazzjoni personali, tant li Antoine Agius kien anke ntavola mandat ta' inibizzjoni quddiem il-Qorti Ċivili Sezzjoni Familja nhar l-14 ta' Diċembru 2011 fejn talab il-Qorti sabiex twaqqaf lill-intimata toħroġ barra l-pajjiż flimkien mat-tifla tagħhom Roxanne, u dan kif jidher mill-kopja tal-mandat u mid-digriet li tat il-Qorti tal-14 ta' Diċembru 2011 li kopja tagħhom qegħdin jiġu hawn annessi bħala dokument LA2;

"Illi sussegwentement inħareġ digriet finali fejn akkorda l-mandat għall-istess Antoine Agius;

"Illi l-affarijiet fil-bidu 2012 aggravaw ruħhom fejn Lucienne Agius intavolat proċedura ta' medjazzjoni kontra żewġha li kopja tal-ittra u tad-digriet tal-Qorti Ċivili Sezzjoni Familja rigwarda il-medjazzjoni qiegħdin jiġu hawn annessi bħala dokument LA3;

"Illi l-attriċi hija proprietarja esklussiva u assoluta tal-fond 4 Triq id-Duluri, Saint Paul's Bay, liema fond l-attriċi xtrat qabel iż-żwieġ tagħha mal-konvenut, u dan kif jirriżulta mill-kuntratt tat- 18 ta' Novembru 1988 fl-atti tan-Nutar Francis Micallef hawn anness u mmarkat bħala dokument LA4;

[1] Aktarx li ried jgħid "eċċezzjonijiet" mhux "talbiet".

"Illi din il-proprjeta' qatt ma kienet id-dar konjugali tal-partijiet *(matrimonial home)* għax id-dar tal-partijiet fejn l-aħħar dar li kienu jgħixu bħala miżżewġin il-partijiet f'din il-kawża 'Periwinkle' Flat 8, Triq Aristarkus, San Pawl il-Baħar;

"Illi dan l-appartament kienet id-dar matrimonjali tagħhom u kienet mikrija mingħand Caesar Stafrace mill-partijiet u dan kont il-kirja hawn annessa u mmarkata bhala dokument LA5;

"Illi l-partijiet f'din il-kawża qatt ma marru jgħixu fid-dar parafernali tal-attriċi skond id-dokument LA4, u din id-dar qatt u qatt ma kienet okkupata minn ħadd fis-snin kollha taż-żwieġ tagħhom, u dan kif ser jiġi pruvat tul is-smiegħ tal-kawża;

"Illi l-pussess ta' din id-dar 4 Triq id-Duluri Saint Paul's Bay dejjem kien f'idejn l-attriċi u f'idejn il-konvenut, u issa l-konvenut biddel iċ-ċavetta u / jew is-serratura sabiex il-konvenut biss ikollu aċċess għad-dar mertu tal-kawża, u dan mingħajr il-kunsens u / jew il-konoxxenza tal-attrici;

"Illi l-attriċi kienet daħlet ġo dan il-post fl-aħħar ta' Frar 2012 u għalhekk kellha aċċess għall-fond proprjeta' tagħha;

"Illi bi vjolenza u bis-satar u mingħajr ma kienet taf l-attriċi, il-konvenut daħal u beda jokkupa l-fond parafernali proprjeta' tal-attrici nhar is-7 ta' Marzu 2012, u saret taf b'dan biss mingħand it-tifla tagħha Roxanne li għandha 9 snin, fejn informat lill-attriċi li l-konvenut daħal u beda jokkupa l-fond 4 Triq id-Duluri, Saint Paul's Bay, u dan mingħajr il-kunsens u / jew l-awtorizżazzjoni u dan b'mod abużiv u llegali;

"Illi l-attriċi taf ukoll li daħal u beda jokkupa l-post 4, Triq id-Duluri, Saint Paul's Bay nhar is-7 ta' Marzu, 2012 minħabba l-fatt li l-kirja tal-appartament matrimonjali u l-fond preċedenti tagħhom tħallas sad-9 ta' Marzu 2012, u dan kif jirriżulta mid-dokumenti hawn annessi u mmarkati bħala dok LA6, fejn jidher li l-kirja tal-appartament

‘Periwinkle’ Triq San Aristarku, San Pawl il-Baħar għalaq u ġie konkjuż nhar id- 9 ta’ Marzu 2012;

“Illi fil-fatt kien il-konvenut li telaq l-aħħar mill-fond matrimonjali tagħhom ‘Periwinkle’ Triq Aristarku San Pawl il-Baħar, peress li l-attriċi ġja kienet marret tikri fond ieħor bl-indirizz Yasmi 39, Triq Aristiarkus San Pawl il-Baħar u dan kif ser jirriżulta fil-mori tal-kawża;

“Illi l-intimat ġie nterpellat b’ittra uffiċjali datat il-15 ta’ Marzu 2012 u dan sabiex jivvaka u jiżgombra mill-fond 4 Triq id-Duluri, San Pawl il-Baħar u jirreintegra lill-attriċi fil-pussess tal-proprjeta’ tagħha u dan skond id-dokument LA7;

“Illi *oltre* hekk saret taf l-attriċi li l-konvenut għamel xogħlijiet fil-post 4, Triq id-Duluri, San Pawl il-Baħar mingħajr il-kunsens u / jew l-awtoriżżazzjoni tal-istess Lucienne Agius u bi ksur u vjolazzjoni tal-istess drittijiet tagħha;

“Illi l-attriċi għamlet ukoll rapport mal-Pulizija Eżekuttiva ta’ Malta kif jidher mid-dokument LA8;

“Illi għalhekk kellha ssir din il-kawża, sabiex jiġi vakat l-imsemmi konvenut;

“Jgħid il-konvenut prevja kwalsiasi dikjarazzjoni neċessarja u opportuna, u għar-raġunijiet premessi għaliex din il-Qorti m’għandhiex:

“1. Tiddikjara u tiddeciedi illi l-azzjonijiet li kkommetta l-konvenut fejn dahal u okkupa d-dar 4 Triq id-Duluri San Pawl il-Baħar fil-bidu ta’ Marzu 2012 u biddel iċ-ċavetta tal-fond, jikkostitwixxi spoll skond l-artikoli 535(1) u 535(2) tal-Kap 16, u huma azzjonijiet abbużivi u llegali a tenur tal-ligi;

“2. Tikkundanna lill-konvenut sabiex fi żmien qasir u perentorju li jiġi lilu prefiss, minn din il-Qorti jerġa’ jqiegħed lill-attriċi fl-istat ewlieni ta’ godiment ta’ dritt, ta’ pussess u ta’ użu tal-proprjeta’ tagħha, u ċjoe’ li tiġi

reintegrata fid-drittijiet tagħha li minnhom sofriet spoll mill-konvenut, u dan taħt id-direzzjoni jekk hemm bżonn ta' periti nominandi;

"3. In difett, tawtorizza lill-attriċi biex tagħmel dawk ix-xogħlijiet kollha rimedjali inkluż sabiex tbiddel is-serratura u ċ-ċavetta tal-fond u dan taħt is-superviżjoni tal-istess perit imqabbad mill-Qorti a spejjeż tal-konvenuti, u dan *ai termini* tal-artikolu 791 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta.

"Bl-ispejjeż inklużi dawk tal-ittra uffiċjali tal- 15 ta' Marzu 2012 u bl-inġunzjoni tal-konvenut in subizzjoni.

"Rat id-dikjarazzjoni maħlufa tal-attriċi u l-lista tax-xhieda.

"Rat ir-risposta ġuramentata tal-konvenut Antoine Agius preżentata fit-3 ta' Lulju 2012, li permezz tagħha eċċepixxa:

"Illi l-eċċipjent jeċċepixxi illi l-azzjoni ta' spoll hekk kif promossa mill-attriċi hija waħda ġuridikament improponibbli u insostenibbli *stante* illi ħalli tirnexxi l-azzjoni ta' spoll jinkombi fuq l-attriċi li tipprova li hija għandha l-pussess – *("possedisse")* tal-post hekk imsemmi minnha;

"Illi l-konvenut jeċċepixxi illi t-tieni rekwiżiti sabiex tirnexxi l- *'actio spolii'* huwa nieqes ukoll *stante* illi ma kien hemm l-ebda disturb tal-pussess *("spoliatum fuisse")* da parti tal-konvenut fil-konfront tal-attrici;

"Illi mingħajr ebda preġudizzju għas-suespost, l-eċċipjent Antoine Agius jeċċepixxi li għal dak li jirrigwardja l-pussess komplet li hu ħa l-fond in kwistjoni, l-attriċi ma ressqitx il-kawża odjerna fit-terminu hekk kif stipulat mill-liġi. Għalhekk l-azzjoni tal-attriċi hija perenta f'dan ir-rigward;

"Illi fil-mertu t-talbiet attriċi huma nfondati fil-fatt u fid-dritt kif se jirriżulta waqt it-trattazzjoni u s-smiegħ ta' din il-kawża;

“Salv difiżi ulterjuri hekk kif permessi mill-liġi.

“Rat id-dikjarazzjoni maħlufa tal-konvenut u l-lista tax-xhieda.

“Semgħet il-provi;

“Rat l-atti proċesswali u l-verbal tas-seduta tad-9 ta’ Marzu 2013 fejn il-kawża tħalliet għas-sentenza fuq talba tad-difensur tal-attriċi wara li l-konvenut naqas li jressaq il-provi tiegħu;

“Rat ir-rikors tal-konvenut li permezz tiegħu talab is-sospensjoni tal-prolazzjoni tas-sentenza, u d-digriet sussegwenti li permezz tiegħu t-talba ġiet milqugħa;
“Semgħet il-konvenut u l-attriċi in kontro-eżami;

“Rat il-verbal tas-seduta tad-9 t’April, 2013 li permezz tiegħu il-kawża tħalliet għas-sentenza wara li l-avukati trattaw il-kawża;

“Ikkunsidrat,

“Illi kif jidher ċar mir-rikors promotur din hija kawża ta’ spoll. L-attriċi qed issostni illi l-konvenut ikkommetta l-ispoll meta daħal jokkupa l-fond in kwistjoni u bidel is-serratura tiegħu. Kif hu magħruf huma tlieta l-elementi rikjesti biex azzjoni ta’ spoll tirnexxi, u ċjoe’:

“1. il-pussess – ***possedisse;***

“2. l-azzjoni spoljattiva li tkun saret bil-moħbi jew kontra l-volonta’ tal-attur – ***spoliatum fuisse****;* u

“3. li l-azzjoni ssir fi żmien xahrejn minn meta jkun seħħ l-ispoll – ***infra bimestre deduxisse****.*

“Illi l-konvenut qed jikkontesta l-kawża billi jgħid illi l-azzjoni mhux proponibbli u li l-attriċi ma kellhiex il-pussess kif qed tgħid; eċċepixxa wkoll li l-azzjoni ma ġietx

intavolata *entro* t-terminu stipulat. Min-naħa tiegħu huwa ċaħad li kkommetta l-ispoll.

"Illi fil-kawża deċiza mill-Qorti tal-Appell fit-28 ta' Mejju 1956 fl-ismijiet **"Vincenzina Cassar et vs Annetto Xuereb Montebello"** l-istess Qorti qalet illi:

*""Il-gurisprudenza tat-Tribunali tagħna dejjem kienet kostanti fl-interpretazzjoni ta' dawn il-liġijiet fis-sens li l-azzjoni ta' spoll hija 'di ordine pubblico', unikament u esklussivament intiza biex timpedixxi li wieħed jagħmel ġustizzja b'idejh mingħajr l-intervent tat-tribunal ċivili u tipprevjeni l-konsegwenzi deplorevoli ta' aġir simili. Għalhekk il-liġi tivvjeta l-allegazzjoni ta' kwalsiasi eċċezzjoni li ma tkunx dilatorja kontra r-reintegrazzjoni u tiċċirkoskrivi l-eżami tal-Qorti għall fatt biss tal-pusses u tal-ispoll denunzjat. Ir-reintegrazzjoni għandha dejjem tiġi ordnata mill-Qorti, kwantunkwe l-pussess jista' jkun vizzjat u min jikkommetti l-ispoll ikun il-veru proprjetarju tal-ħaġa li minnha l-possessur tagħha jkun ġie spoljat."*

"Illi f'din is-sentenza l-Qorti ċċitat sentenza riportata fil-**Volum XXXIII-ii-83** illi irriteniet *"che la reintegrazione dovra' essere dalla Corte ordinate, comunque viziato possa essere il possesso dell' attore, comunque il citato possa essere il vero propietario della cosa di cui l' attore avesse sofferto lo spoglio; sicche' l'indagine intormo alla legittimita' del possesso, da farsi in altra sede, tornerebbe oziosa in questo giudizio".*

"Illi fis-sentenza **"Delia vs Schembri"** (deċiża mill-Prim' Awla fl-4 ta' Frar 1958) ġie ritenut illi:

*""L-azzjoni ta' spoll isservi biex tipproteġi l-pussess, ikun x'ikun li jiġi vjolentement jew okkultament meħud mingħand il-possessur jew detentur, u ġie deċiż kemm-il darba li tapplika wkoll għat-tutela tal-kważi pussess tad-drittijiet legali u hija inerenti għall-fatt ta' min b'awtorita' privata jagħmel għad-dannu ta' terza persuna att li għalkemm jista' jkollu dritt għalih ma jistax jeżerċitah mingħajr intervent tal-Qorti."*

"Illi fi kliem **Pacifici Mazzoni** spoll vjolent huwa *"qualunque atto arbitrario che per forza privata si compia contro la volontarieta' dello spogliato"*. (Vol III Sez. 52).

"Illi kif ukoll intqal fil-kawża **"Margherita Fenech vs Pawla Zammit**" deċiża fit-12 ta' April 1958:

*""L-actio spolii hija radikata pjuttost fuq l-esiġenzi ta' utilita' soċjali milli fuq il-prinċipju assolut ta' ġustizzja u hija eminentement intiza l-protezzjoni ta' kwalunkwe pussess u jiġi mpedut liċ-ċittadin privat li jieħu l-liġi f'idejh; b'mod li l-fini tagħha huwa dak li jiġi restawrat l-istat tal-pussess li jkun ġie skonvolt jew turbat."*

"Illi bran ieħor rilevanti huwa dan fejn jingħad illi:

*""Kif kellha okkażjoni tesprimi ruħha l-Onorabbli Qorti tal-Appell, l-indaġini li trid issir hija waħda limitatissima, rigoruża u skarna u ma tinsab f'ebda leġislazzjoni oħra u kompliet tgħid illi għalhekk indaġinijiet ibbażati fuq x'jgħidu u ma jgħidux ġuristi u awturi Franċiżi u Taljani huwa għal kollox irrilevanti u inapplikabbli fil-kuntest tal-ordinament ġuridiku tagħna"* (Appell Ċivili – **"Cardona vs Tabone"** – deċiza fid-9 ta' Marzu 1992).

"Illi l-punt prinċipali fil-fehma tal-Qorti huwa jekk l-attriċi kellhiex il-pussess; skond il-konvenut din ħalliet iċ-ċavetta warajha u għalhekk bħal donnu qed jgħid illi kkonċediet il-pussess. Il-Qorti pero' jidhrilha li meta xehed in subizzjoni l-istess konvenut, *nonostante* l-eċċezzjonijiet tiegħu, ammetta li kkommetta l-ispoll, liema spoll ġie kommess fis-7 ta' Marzu 2012 u mentri l-kawża ġiet intavolata fl-4 ta' Mejju 2012; għalhekk it-talba attriċi jistħoqqilha li tiġi milqugħa. Infatti hija wkoll aktar verosimili l-verżjoni tal-attriċi. Barra minn dan skond ġurisprudenza konstanti, spoll jista' jiġi kommess minn kopossessur fil-konfront tal-kopossessur l-ieħor u m'hemmx dubju li għall-anqas l-attriċi kellha l-pussess flimkien mal-konvenut u dan ċaħħadha minn dak il-pussess bl-azzjoni tiegħu.

**"DEĊIŻJONI**

**"Għal dawn il-motivi l-Qorti tiddeċiedi din il-kawża billi filwaqt li tiċħad l-eċċezzjonijiet tal-konvenut, tilqa' t-talbiet kollha attriċi; Għall-fini tat-tieni talba tipprefiġġi terminu ta' xahar, u tinnomina lil AIC Mario Cassar biex f'kull każ jissorvelja x-xogħlijiet.**

**"L-ispejjeż tal-kawża jkunu a kariku tal-konvenut."**

## Rikors tal-appell tal-konvenut

**3.** Il-konvenut ħass ruħu aggravat bid-deċiżjoni tal-ewwel Qorti u għalhekk interpona dan l-appell minnha.

**4.** L-aggravji tiegħu huma dawn:

1) L-ewwel Qorti għamlet apprezzament ħażin tal-provi miġjuba quddiemha u kien dan l-apprezzament li wassal lill-istess Qorti għall-konklużjoni żbaljata li l-konvenut ikkommetta spoll;

2) Minkejja li l-ewwel Qorti rriteniet li huma tlieta l-elementi rikjesti biex azzjoni ta' spoll tirnexxi (u cioe` *possedisse, spoliatum fuisse*, u *infra bimestre deduxisse*) wieħed minn dawn l-elementi u cioe` l-i*spoliatum fuisse* kien mankanti.

**5.** L-attriċi appellata, minkejja li ġiet notifikata bir-rikors tal-appell fil-21 ta' Mejju 2013 baqgħet ma ppreżentatx risposta għall-appell.

## Deċiżjoni tal-ewwel Qorti

**6.** L-ewwel Qorti rriteniet li m'hemmx dubju li l-attriċi appellata kellha l-pussess (tal-post inkwistjoni) flimkien mal-konvenut. Irriteniet li fil-fehma tagħha meta l-konvenut xehed in subizzjoni huwa ammetta li kkommetta spoll. Ikkunsidrat li l-aġir seħħ fis-7 ta' Marzu 2012, u li l-kawża ġiet intavolata fl-4 ta' Mejju 2012 (u għalhekk *entro termine*). In konsiderazzjoni ta' dan kollu kkonkludiet li t-talba tal-attriċi jistħoqqilha li tiġi milqugħa.

## Sfond tal-kawża

**7.** Il-post inkwistjoni: 4, Triq id-Duluri, San Pawl il-Baħar huwa proprjeta` parafernali tal-attriċi. Id-dar matrimonjali li fiha kienu jgħixu l-kontendenti kienet Periwinkle/8, Triq Aristarkus, San Pawl il-Baħar, u din kienet għandhom b'kera. Bħalissa l-kontendenti għaddejjin minn proċeduri ta' separazzjoni. Jirriżulta li l-attriċi telqet mid-dar matrimonjali fit-30 ta' Diċembru 2011 flimkien ma' bintha u marret toqgħod f'post ieħor fl-istess triq: Yasmi, 39, Triq Sant' Aristarku, San Pawl il-Baħar. Dwar dan kollu jidher li hemm qbil.

**<u>Il-verżjoni tal-attriċi</u>**

**8.** L-attriċi xehdet li l-aħħar darba li daħlet fil-post mertu tal-kawża (wara li kienet telqet mid-dar matrimonjali) kien fil-25 ta' Frar 2012 u li f'dak l-istadju "*the house was not habitable. There was no electricity or plumbing in fact I sat down and cried because it was not habitable.*" Qalet li f'dak iż-żmien żewġha kien għadu joqgħod fid-dar matrimonjali li kienet għandhom b'kera. Żiedet tgħid li kien imbagħad meta ppruvat tidħol fil-post inkwistjoni għall-bidu ta' Marzu 2012 li rrealizzat li żewġha l-konvenut kien daħal fil-proprjeta` għaliex ma setgħetx tiftaħ biċ-ċavetta li kellha. Esebiet fotokopja ta' nota li kienet ħallitilha fil-kaxxa tal-ittri ċertu Mary McBride[2] li toqgħod viċin tal-post inkwistjoni. Din taqra hekk: "*7th March. Lu, He brought five vans of furniture and things to you your house. Mary.*" Fl-1 ta' April 2012 għamlet rapport mal-Pulizija fejn iddikjarat li l-konvenut appellant kien mar joqgħod fil-post parafernali tagħha u li kien anke ħadilha ċ-ċavetta u biddel is-serratura. Bħala data tal-inċident tniżżlet id-data tad-9 ta' Marzu 2012[3].

**<u>Il-verżjoni tal-konvenut</u>**

**9.** It-teżi tal-konvenut appellant hija li huwa qatt ma spolja lill-attriċi appellata mill-pussess tal-fond. Huwa

[2] Din Mary McBride (il-ġara) ma ttellgħetx tixhed pero` fix-xhieda tagħha tat-3 ta' Diċembru 2012 l-attriċi kkonfermat li tali nota (li ppreżentat dakinhar stess – DOK LA1) kienet ħallitilha l-ġara fil-kaxxa tal-ittri tagħha.
[3] Jirriżulta li mbagħad fit-18 ta' April 2012 l-istess attriċi reġgħet marret l-għassa u ddikjarat li żewġha kien telaq mir-residenza oriġinali tiegħu fis-7 ta' Marzu 2012 u mhux fid-9 ta' Marzu 2012.

jsostni li kienet l-istess attriċi li ħalliet iċ-ċavetta tal-fond inkwistjoni (4, Triq id-Duluri, San Pawl il-Baħar) meta telqet mid-dar matrimonjali (Yasmi, 39,Triq Sant' Aristarku, San Pawl il-Baħar) u għalhekk ma jistax jingħad li l-pussess tal-attriċi ttieħed vjolentament jew okkultament. Fix-xhieda tiegħu tal-4 ta' Marzu 2013 huwa qal li l-aħħar darba li kien biddel is-serratura kienet "*xi erba' snin ilu*" u li dak iż-żmien l-istess attriċi kellha kopja. Mistoqsi allura għaliex meta hija ppruvat tidħol ma setgħetx, huwa spjega li dan kien għaliex meta telqet mid-dar matrimonjali ma ħaditix iċ-ċavetta tal-post mertu tal-kawża magħha. "*Kellha ċ-ċavetta l-antika ta' qabel l-erba' snin ilu li ħadet magħha*." Mistoqsi jekk riedx allura jagħtiha ċ-ċavetta dakinhar tax-xhieda tiegħu, huwa rrisponda "*Le*."

**<u>Punti legali</u>**

*<u>Spoliatum fuisse</u>*

**10.** Kif ingħad qabel, il-konvenut appellant fir-rikors tal-appell tiegħu jilmenta li l-element tal-i*spoliatum fuisse* kien mankanti. Isostni li huwa qatt ma spollja lill-attriċi appellata mill-pussess[4] tal-fond parafernali tagħha. Il-kwistjoni kollha għalhekk tippernja fuq jekk hix aktar verosimili verżjoni minn oħra: jekk għandha titwemmen il-verżjoni tal-attriċi li l-konvenut biddel is-serratura jfisser li kien hemm att spolljattiv da parti tal-konvenut, u jekk għandha titwemmen il-verżjoni tal-konvenut li kienet l-attriċi li ħalliet iċ-ċavetta warajha meta telqet mid-dar matrimonjali, allura f'tali każ ifisser li non si tratta ta' spoll.

**11.** Din il-Qorti, wara li eżaminat il-provi bir-reqqa, hija tal-fehma li hija aktar kredibbli l-verżjoni tal-attriċi, u cioe` li hija spiċċat ma tistax tidħol fil-post parafernali tagħha (4, Trid id-Duluri, San Pawl il-Baħar) mhux għaliex ħalliet iċ-ċavetta warajha meta telqet mid-dar matrimonjali

[4] Minkejja li fl-ewwel eċċezzjoni tiegħu huwa eċċepixxa li l-attriċi kellha tipprova li kellha l-pussess tal-fond, jidher li issa fir-rikors tal-appell tiegħu qed jikkonċedi li fil-fatt kellha l-pussess.

(Periwinkle/8, Triq Sant' Aristarku, San Pawl il-Baħar), iżda għaliex il-konvenut effettivament biddel is-serratura tal-post tagħha meta ddeċieda li jittrasferixxi ruħu mid-dar matrimonjali għad-dar parafernali ta' martu.

**12.** Fl-ewwel lok, anke jekk huwa minnu li erba' snin qabel ix-xhieda tal-konvenut tal-2013 kienu biddlu s-serratura tal-post parafernali tal-attriċi[5], huwa improbabbli li l-attriċi baqgħet iżżomm iċ-ċavetta l-antika tal-fond tagħha ad esklużjoni taċ-ċavetta t-tajba. Ġeneralment meta wieħed ibiddel serratura ta' bieb huwa jarmi jew iwarrab min-nofs iċ-ċavetta l-antika. Għalkemm wieħed jista' jgerfex xi ftit iċ-ċwievet meta tkun inbiddlet serratura, huwa improbabbli li jibqa' jgerfixhom sa erba' snin wara.

**13.** Fit-tieni lok din il-verżjoni tal-konvenut hija kontradetta mix-xhieda tal-attriċi fejn qalet li sal-25 ta' Frar 2012 kienet għadha tista' tiftaħ il-bieb tal-fond parafernali tagħha biċ-ċavetta li kellha u fil-fatt xehdet li dakinhar (li kienet l-aħħar darba li daħlet fid-dar parafernali tagħha) kienet poġġiet bil-qegħda u bkiet għaliex il-post ma kienx abitabbli. Kieku ħalliet iċ-ċavetta tal-post parafernali tagħha warajha f'Diċembru 2011 meta telqet mid-dar matrimonjali (kif qed isostni l-konvenut) u minflok ħadet magħha ċ-ċavetta l-antika ta' snin qabel, kif setgħet daħlet fid-dar inkwistjoni fil-25 ta' Frar 2012?

**14.** Fit-tielet lok, il-verżjoni tal-konvenut tammonta għal kumbinazzjoni ferm konvenjenti għalih. L-attriċi spjegat li kienet marret fuq il-post għall-bidu ta' Marzu 2012 in segwitu` għan-nota[6] li l-ġara tagħha ħallitilha fil-kaxxa tal-ittri fis-7 ta' Marzu 2012 fejn infurmatha li kienet rat lil żewġha (l-konvenut) jġorr xi għamara f'darha. Il-konvenut f'dawk iż-żminijiet effettivament telaq mid-dar matrimonjali u mar joqgħod fid-dar parafernali ta' martu. Issa li l-attriċi bi żball ħalliet iċ-ċavetta tal-post tagħha fid-dar matrimonjali u li minflok ħadet jew kellha fuqha ċ-ċavetta l-ħażina u li kien għalhekk li ma setgħetx taċċedi għall-post

---

[5] Fid-dikjarazzjoni tal-fatti tiegħu il-konvenut qal li s-serratura kienet inbiddlet l-aħħar fl-2008/2009, bil-kunsens taż-żewġ partijiet.

[6] Fol 52

tagħha stess wara li mar joqgħod fih żewġha, hija kumbinazzjoni kbira wisq biex tkun verosimili. Iċ-ċirkostanzi jindikaw li l-intenzjoni tal-konvenut kienet li jmur joqgħod f'post martu ad esklużjoni tal-istess martu, u dan joħroġ ċar anke mix-xhieda tiegħu stess meta mistoqsi jekk hux lest li jagħtiha ċ-ċavetta tal-post tagħha huwa rrisponda "*Issa qed ngħix hemmhekk*."

**15.** L-aggravju tal-appellant, li hu l-uniku wieħed, qiegħed għalhekk jiġi respint.

**<u>Decide</u>**

Għall-motivi premessi din il-Qorti tiċħad l-appell interpost mill-konvenut appellant u tikkonferma d-deċiżjoni tal-ewwel Qorti.

L-ispejjeż taż-żewġ istanzi għandhom jitħallsu mill-konvenut appellant.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------